

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**2008/2139(INI)**

5.11.2008

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar l-akkwist pubbliku pre-kummerċjali: inrawmu l-innovazzjoni biex  
niżguraw servizzi pubbliċi sostenibbli u ta' kwalità għolja fl-Ewropa  
(2008/2139(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Aloyzas Sakalas

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jikkunsidra li l-kunċett ta' akkwist pubbliku pre-kummerċjali huwa importanti, imma jibża' li mhux se jkollu suċċess biex jiġbed intrapriżi ta' daqs żgħir u medju sakemm dawn jifhmu b'mod ċar kif jaħdem l-akkwist pubbliku pre-kummerċjali, b'mod partikolari f'kuntest transkonfinali; jiġbed l-attenzjoni li l-prinċipju ewlieni tal-akkwist pubbliku pre-kummerċjali - jiġifieri li l-awtorità pubblika ma żżommx il-benefiċċji kollha li jiġu mir-Riċerka u l-Iżvilupp (R&D) imma li kull kumpanija żżomm id-drittijiet ta' pussess fir-rigward tal-ideat ġodda li tiġġenera - jiżgura ċ-ċertezza legali u l-protezzjoni tal-ideat għan-negozji li jipparteċipaw;
2. Jidentifka l-bżonn għal proġett pilota Ewropew fil-kuntest tal-akkwist pubbliku pre-kummerċjali, biex juri bl-eżempju approċċ ta' implimentazzjoni li jiżgura ċ-ċertezza legali u l-akbar protezzjoni għan-negozji, b'mod partikolari għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju li, b'definizzjoni, huma l-partijiet l-aktar dgħajfa meta mqabbla mal-awtoritajiet kontraenti u l-impriżi l-kbar li ġeneralment ikunu involuti fl-akkwist pubbliku;
3. Jistieden lid-Direttorati-Ġenerali kompetenti tal-Kummissjoni biex jikkoperaw flimkien ħalli jipproduċu ktieb fil-lingwi uffċjali kollha, li jkun komprensiv, li jinftiehem malajr, imma li jkollu ċ-ċertezza ġuridika b'illustrazzjonijiet prattiċi tal-każijiet li juru kif dawn il-prinċipji legali jistgħu jiġu applikati b'mod korrett fil-prattika, b'mod partikolari għall-użu tal-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju u awtoritajiet kontraenti;
4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tpoġġi fil-ktieb, b'mod partikolari, eżempji prattiċi tal-qsim tar-riskji u l-benefiċċji skont il-kundizzjonijiet tas-suq; jikkunsidra, barra minn hekk, li d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għandhom ikunu mogħtija lill-kumpaniji li jipparteċipaw fl-akkwist pubbliku pre-kummerċjali, minħabba li l-Istati Uniti u l-Ġappun jaħdmu fuq il-bażi ta' dan il-mudell, li jinkoraġġixxi numru kbir ta' kumpaniji li jkunu involuti fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku pre-kummerċjali.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	4.11.2008
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 25 -: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Carlo Casini, Titus Corlăţean, Bert Doorn, Monica Frassoni, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Neena Gill, Othmar Karas, Klaus-Heiner Lehne, Katalin Lévai, Antonio López-Istúriz White, Antonio Masip Hidalgo, Hans-Peter Mayer, Manuel Medina Ortega, Aloyzas Sakalas, Francesco Enrico Speroni, Diana Wallis, Jaroslav Zvěřina, Tadeusz Zwiefka
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Sharon Bowles, Eva Lichtenberger, Rareş-Lucian Niculescu, Georgios Papastamkos, József Szájer, Jacques Toubon, Renate Weber